



Dokument ta' sessjoni

B9-0216/2020

6.7.2020

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-istrateġija tal-UE dwar is-saħħa pubblika wara l-COVID-19
(2020/2691(RSP))

Kateřina Konečná, Marc Botenga
f'isem il-Grupp GUE/NGL

B9-0216/2020

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-istrateġija tal-UE dwar is-saħħa pubblika wara l-COVID-19 (2020/2691(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-valutazzjoni tar-riskju tat-tifqigħa tal-COVID-19 imwettqa mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), li ddikjarat li r-riskju tat-tixrid u r-riskju tal-impatt tal-COVID-19 huwa "għoli ħafna" fuq livell globali u kkaratterizzat it-tifqigħa bħala pandemija,
 - wara li kkunsidra l-manifest tal-WHO għal irkupru f'saħħtu u ekoloġiku mill-COVID-19,
 - wara li kkunsidra r-rapport l-aktar riċenti dwar it-theddid ta' mard li jittieħed (CDTR) taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) u l-linji gwida tas-saħħa pubblika tal-ECDC dwar il-COVID-19,
 - wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat mill-Parlament, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017,
 - wara li kkunsidra n-nota ta' valutazzjoni preliminari tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol tat-18 ta' Marzu 2020 bit-titolu "COVID--19 and the world of work: Impacts and policy responses" (Il-COVID-19 u d-dinja tax-xogħol: l-impatti u r-risponsi ta' politika),
 - wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (il-Patt Fiskali),
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tat-3 ta' April 2020 dwar is-solidarjetà globali fil-ġlieda kontra l-marda tal-coronavirus (COVID-19),
 - wara li kkunsidra l-aġġornament tar-rapport tal-Konferenza tan-NU dwar il-Kummerç u l-Iżvilupp ta' Marzu 2020 dwar ix-xokk tal-COVID-19 fuq il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-coronavirus il-ġdid, li ġie rrapportat għall-ewwel darba f'Wuhan f'Diċembru 2019 u issa huwa magħruf bħala l-coronavirus tas-sindromu respiratorju akut gravi 2 (SARS-CoV-2), flimkien mal-marda assoċjata miegħu, COVID-19, issa nfirex mad-dinja

¹ Testi adottati, P9_TA(2019)0078.

kollha, u issa huwa uffiċjalment ikkaratterizzat bħala pandemija;

- B. billi d-dinja ma tistax tippermetti li jkun hemm diżastri ripetuti fuq l-iskala tal-COVID-19, kemm jekk dawn ikunu riżultat tal-pandemija li jmiss, kif ukoll jekk jirriżultaw minn ħsara ambjentali u mit-tibdil fil-klima li dejjem qed jiżdiedu;
- C. billi d-dritt għas-saħħa fiżika u mentali huwa dritt fundamentali tal-bniedem; billi kull persuna, mingħajr diskriminazzjoni, għandha d-dritt li jkollha aċċess għal kura tas-saħħa moderna u komprensiva; billi l-kopertura tas-saħħa universali hija Għan ta' Żvilupp Sostenibbli li l-firmatarji kollha impenjaw ruħhom li jilhqqu sal-2030;
- D. billi l-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistipola li "livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta l-istrateġiji u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni";
- E. billi s-sistemi tal-kura tas-saħħa pubblika jinsabu taħt pressjoni kbira biex jiżguraw kura adegwata għall-pazjenti kollha; billi dawn qed jirċievu dejjem inqas fondi u qed jiġu ttraskurati b'riżultat tal-proċessi tal-liberalizzazzjoni u tal-privatizzazzjoni u l-miżuri ta' awsterità tal-lemin; billi b'riżultat ta' dan qed tonqsilhom il-kapaċità li jiffunzjonaw f'sitwazzjonijiet normali u abnormali, inkluża t-tifqigħa attwali tal-COVID-19;
- F. billi l-professjonisti tal-kura tas-saħħa kienu esposti għal riskji għoljin b'mod inaċċettabbli u billi l-kriżi tal-COVID-19 bidlet il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' ħafna ħaddiema fl-Ewropa u qajmet mistoqsijiet ġodda rigward is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol;
- G. billi hemm nuqqas preokkupanti ta' sodod tal-kura intensiva, tagħmir ta' protezzjoni personali, mediċini u tagħmir mediku fl-Istati Membri kollha; billi din l-iskarsezza tvarja b'mod konsiderevoli bejn pajjiż u ieħor; billi n-nuqqas ta' disponibbiltà tat-tagħmir ta' protezzjoni personali kkontribwixxa b'mod sostanzjali għat-tixrid tal-virus u poġġa f'periklu partikolari l-ħajja ta' ħafna ħaddiema tal-ewwel linja, u anki wassal għal imwiet;
- H. billi huwa stmat li hemm żewġ biljun persuna madwar id-dinja li m'għandhomx aċċess għal mediċini bażiċi;
- I. billi l-UE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali matul dawn l-aħħar deċennji, kienet qiegħda timponi riformi neoliberali li naqqsu l-infiq tal-gvern b'mod drastiku, u dan wassal għal effetti diżastrużi fuq is-sistemi pubbliċi tas-saħħa;
- J. billi ġie rrapportat li l-Istati Uniti xtraw aktar minn 90 % tal-provvista dinjija tal-mediċina antivirali b'azzjoni mifruxa remdesivir, li attwalment hija l-uniku trattament ippruvat għall-COVID-19; billi jeżistu alternattivi ġeneriċi għal din il-mediċini iżda l-liġijiet dwar il-privattivi jirrestrinġu l-użu tagħhom; billi diversi kumpaniji farmaċewtiċi ġew akkużati li ħejjew aċċess preferenzjali għal trattamenti u vaċċini għall-COVID-19 lil min joffri l-aktar;
- K. billi fl-24ta' April 2020, il-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen wiegħdet li vaċċin futur għall-COVID-19 ikun "il-ġid komuni u universali tagħna"; billi biex tiġi

miġġielda pandemija bħall-COVID-19, jeħtieġ li l-vaċċini u t-trattamenti futuri jkunu aċċessibbli b'mod universali; billi din mhijiex biss kwistjoni ta' ġustizzja iżda wkoll kwistjoni ta' saħħa pubblika;

- L. billi l-vaċċin tal-polio kien tpoġġa fis-swieq ħieles mill-privattivi u l-marda issa ġiet eradikata f'ħafna reġjuni tad-dinja; billi l-Gvern tal-Afrika t'Isfel, immexxi minn Nelson Mandela, kien ġie sfurzat juża d-disponibbiltà tal-liċenzjar obbligatorju biex jeżerċita pressjoni favur mediċini ekwivalenti ġeneriċi ta' kwalità u affordabbli ħalli jevita li jħallas prezzijiet eċċessivi lill-multinazzjonali farmaċewtiċi li jużaw privattivi għat-trattamenti tal-HIV;
- M. billi l-Istrateġija tal-UE għat-Tilqim tiddependi ħafna fuq ftehimiet antiċipati ta' xiri iżda ma ssemmix b'mod espliċitu d-disponibbiltà skont il-kost; billi l-kost tal-produzzjoni ta' prodott farmaċewtiku jeħtieġ li jiġi vvalutat b'mod indipendenti u jeħtieġ trasparenza sħiħa fir-rigward tal-użu tal-fondi pubbliċi minn benefiċjarji privati;
- N. billi l-Kummissjoni ħadet inizjattivi differenti fl-isforzi sabiex tiġġieled il-COVID-19, bħal permezz tal-programm ta' riċerka Orizzont 2020, l-Inizjattiva dwar Mediċini Innovattivi (IMI), il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), u l-event globali ta' impenji għal donazzjonijiet bħala Rispons Globali kontra l-Coronavirus, li s'issa laħaq iċ-ċifra ta' EUR 9,8 biljun;
- O. billi r-riċerkaturi madwar id-dinja qed jiżviluppaw vaċċini u trattamenti, sikwit bl-użu ta' somom kbar ta' flus pubbliċi;
- P. billi diversi Stati Membri introduċew leġiżlazzjoni jew estendew il-leġiżlazzjoni fis-seħħ biex id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jiġu ristretti; billi huwa magħruf li l-korporazzjonijiet farmaċewtiċi jisfruttaw il-privattivi biex jillimitaw l-aċċess għat-trattamenti u l-kuri effikaċi, għad-detriment ta' għadd enormi ta' ħajjiet fl-Ewropa u fid-dinja kollha; billi l-kumpaniji farmaċewtiċi l-kbar m'għandhomx japprofittaw minn din il-pandemija għas-skapitu tas-saħħa tan-nies; billi r-regoli tal-UE dwar id-data u l-esklussività tas-suq jippermettu li l-protezzjoni tal-privattivi tiġi estiża sa massimu 10 snin;
- Q. billi r-Regolament (KE) Nru 816/2006 dwar il-liċenzjar obbligatorju ta' privattivi relatati mal-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi għall-esportazzjoni² u r-Regolament (UE) 2019/933 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 469/2009 dwar iċ-ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari għal prodotti mediċinali³ fihom rinunzji rigward data u esklussività tas-suq; billi dawn ir-rinunzji huma limitati bla bżonn;
- R. billi l-COVID-19 uriet l-interdipendenzi bejn is-saħħa tal-bniedem u s-saħħa tal-pjaneta tagħna; billi l-feġġien ta' mard żonotiku – il-mard li jittrasferixxi mill-annimali għall-bnedmin – huwa aggravat mit-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali;

Il-ħarsien tan-natura għal irkupru sostenibbli wara l-COVID-19

1. Ifakkar li t-tiħiħ tal-ġhoti tal-kura universali tas-saħħa pubblika huwa l-aħjar mod kif

² ĠU L 157, 9.6.2006, p. 1.

³ ĠU L 153, 11.6.2019, p. 1.

jigū miġġielda l-epidemiji globali u kif niproteġu s-soċjetajiet tagħna; jenfasizza li l-prevenzjoni hija l-aħjar kura u jappella għall-implimentazzjoni sħiħa tal-kunċett "Saħħa Waħda" li jirrikonoxxi li s-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-ambjent huma marbutin mill-qrib; ifakkar fl-importanza tas-saħħa fil-politiki kollha; jinnota bi tħassib kif it-temperaturi globali li qed jiżdiedu u l-qirda tal-ħabitat u l-bijodiversità jistgħu jaggravaw bil-kbir ir-riskju ta' mard zoonotiku għas-saħħa pubblika; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu b'mod drastiku l-isforzi biex jitwaqqaf it-tiżnin globali u t-telf tal-bijodiversità u l-ħabitat; jitlob li n-Networks Ewropej ta' Referenza jitwessgħu biex jinkludu l-mard infettiv u ż-żoonożi;

2. Jenfasizza li, filwaqt li l-mard zoonotiku dejjem eżista, il-mod li bih il-bnedmin bħalissa qegħdin jipprattikaw il-biedja u l-kummerċ u jikkunsmaw l-annimali jsaħħaħ ħafna t-tħeddida li l-annimali jippreżentaw għas-saħħa pubblika; jitlob li jkun hemm bidla fundamentali fil-politika agrikola komuni sabiex tistimula l-biedja agroekoloġika, tnaqqas l-għadd ta' bhejjem, u l-produzzjoni u l-konsum tal-laħam u tal-ħalib fl-UE, u tgħin billi tipprevjeni t-tifqigħat zoonotiċi;
3. Jenfasizza li r-rakkomandazzjonijiet tal-manifest tal-WHO għal irkupru f'saħħtu u ekoloġiku mill-COVID-19 iridu jigū implimentati bis-sħiħ fil-livelli tal-UE u nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika malajr komunikazzjoni li tindirizza kull waħda mis-sitt rakkomandazzjonijiet ewlenin li ġejjin u telabora kif se tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom:
 - i) Li jitħares u jigū ppreservat is-sors tas-saħħa tal-bniedem – in-natura;
 - ii) Li jsir investiment fis-servizzi essenzjali, mill-ilma u s-sanità, sal-enerġija nadifa fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa;
 - iii) Li tiġi żgurata tranżizzjoni enerġetika malajr u f'saħħitha;
 - iv) Li jigū promossi sistemi tal-ikel tajbin għas-saħħa u sostenibbli;
 - v) Li jinbnew bliet f'saħħithom u abitabbli;
 - vi) Li l-flus tal-kontribwenti tat-taxxa ma jibqgħux jintużaw biex jigū ffinanzjati it-tniġġis;

Is-saħħa pubblika fil-futur

4. Iwissi li l-ħarsien tas-saħħa pubblika ma jikkorrispondix mat-tiftix tal-profitt, li dejjem se jinkiseb askapitu tal-benessri tan-nies; huwa favur il-fehma li s-servizzi pubbliċi tas-saħħa għandhom ikunu mingħajr ħlas, ta' kwalità u universali; iqis li huwa essenzjali li l-baġits tas-saħħa tal-Istati Membri jiżdiedu;
5. Jemmen li s-sistemi pubbliċi tas-saħħa għandhom jissaħħu kemm fid-dimensjoni kurattiva kif ukoll f'dik preventiva tagħhom biex ikunu mgħammra u ffinanzjati aħjar biex jindirizzaw l-epidemija li jmiss; jistieden lill-Istati Membri jwettqu testijiet tal-istress fuq is-sistemi tagħhom tal-kura tas-saħħa b'urġenza biex jiżguraw li jkunu mħejjija għall-possibiltà li l-COVID-19 terġa' tiżdied u għal kwalunke kriżi tas-saħħa futura; jistieden lill-Kummissjoni tikkoordina din il-ħidma u tistabbilixxi parametri

komuni; jemma li l-kontroll pubbliku tas-setturi importanti, inkluża n-nazzjonalizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa, u setturi oħra li huma vitali għall-isforz ta' rispons, għandhom jiġu appoġġjati; jappella għar-rilocalizzazzjoni tal-produzzjoni fil-każ tas-setturi strateġiċi, li huma importanti wisq biex jitħallew f'idejn is-suq, speċjalment fil-każ tat-tagħmir ta' protezzjoni personali, tal-ittestjar, tal-mediċini u l-apparati mediċi, u wkoll biex jitwaqqfu kumpaniji tal-farmaċewtika bi sjieda pubblika;

6. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-ġejjieni jadottaw miżuri għas-saħħa pubblika u soċjali li jkunu aktar immirati, u applikabbli fil-livell reġjonali, inklużi fir-reġjuni u l-ewroreġjuni transkonfinali; jenfasizza li f'sitwazzjonijiet tas-saħħa emerġenti, l-istrateġija dwar is-saħħa pubblika għandha tiġi kkoordinata mhux biss fost l-Istati Membri iżda wkoll mal-awtoritajiet reġjonali u lokali;
7. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi direttiva dwar standards minimi għal kura tas-saħħa ta' kwalità bbażata fuq is-sejbiet tat-testijiet tal-istress; iqis li din id-direttiva għandha tkun tali l-Istati Membri jżommu l-kompetenza fil-ġestjoni, l-organizzazzjoni u l-finanzjament tas-sistemi tal-kura tas-saħħa tagħhom iżda li, madankollu, tiggarrantixxi s-sikurezza tal-pazjent, standards tax-xogħol u tal-impjiegi diċenti għall-ħaddiema tal-kura tas-saħħa u r-reżiljenza Ewropea fil-konfront ta' pandemiji u kriżijiet oħra tas-saħħa pubblika; jistieden lill-UE tqiegħed l-interess tas-saħħa pubblika qabel il-profit privat billi tiżgura li l-aċċess għad-dijanostika, it-terapewtika u l-vaċċini relatati mal-COVID-19 ma jkunx ostakolat mid-drittijiet ta' proprjetà intellettuali jew restrizzjonijiet inġustifikabbli simili;
8. Jitlob li tissaħħaħ il-kapaċità tar-rescEU, inklużi l-kapaċità tagħha tal-ħażna u ta' timijiet mediċi ta' emerġenza; ihegġegħ lill-Istati Membri jinnazzjonalizzaw jew jirrekwiżizzjonaw is-siti ta' produzzjoni meta jkun meħtieġ biex jipproduċu l-apparat mediku kollu meħtieġ; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mill-possibilitajiet kollha offruti mill-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili biex tiżgura provvisti adegwati fil-futur;
9. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lis-sħab globali jiżguraw aċċess rapidu, ġust, ugwali u bi prezz raġonevoli għall-vaċċini u trattamenti futuri għall-COVID-19 ladarba jkunu disponibbli inklużi puls obligatorji ta' privattivi, billi jikkontribwixxu b'mod attiv favur dawn l-isforzi, u b'mod partikolari matul in-negozjati f'korpi bħall-WHO, jew għall-fini tat-tnedija ta' għodod għall-COVID-19 permezz tal-Aċċelleratur tal-ACT; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ, f'każ li jiġu żviluppanti tilqima jew trattament mingħajr il-fondi tal-UE u sussegwentement jiġu protetti bi privattiva, bil-għan li thegġegħ lill-Istati Membri jwaqqfu l-monopolji possibbli permezz ta' mekkaniżmi obligatorji ta' liċenzjar; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-vaċċini u trattamenti kontra l-pandemija jsiru ġid pubbliku globali, li jkun liberament aċċessibbli għal kulħadd;
10. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jiġi żgurat li l-privattivi farmaċewtiċi ma jfjixklux il-provvisti f'każ ta' skarsezza ta' mediċini; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati provvisti meħtieġa fi żminijiet ta' kriżi jew matul kwalunkwe tifqigħa ta' epidemija preżenti jew futura billi l-privattivi farmaċewtiċi għall-mediċini, vaċċini u tagħmir mediku jiġu ssostitwiti b'liċenzji għal-laboratorji pubbliċi u l-manifatturi biex jipprovdu kopji

ġeneriċi ta' prodotti tad-ditta mingħajr il-ħtieġa li jinnegozjaw mal-proprjetarji tal-privattiva; ifakkar fil-kliem tas-Segretarju Ġenerali tan-NU li riċentement iddikjara li t-trattament futur għall-COVID-19 huwa "għid pubbliku" li għandu jsir disponibbli għal kulħadd; iwissi li l-protezzjoni tas-saħħa pubblika hija inkompatibbli max-xewqa għall-profitt;

11. Jenfasizza l-importanza tal-emanċipazzjoni tal-pazjenti u ta' approċċ iffukat fuq il-pazjent; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu r-rappreżentanza u l-kontribut tal-pazjenti fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-politiki tal-kura tas-saħħa;
12. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-mekkaniżmu tal-akkwist konġunt skont id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE dwar it-theddid transkonfinali għas-saħħa⁴ u tipproponi regolament għdid biex l-akkwist konġunt tal-UE jsir aktar malajr u jkun aktar effikaċi matul il-kriżijiet tas-saħħa u b'hekk jiġi żgurat aċċess ugwali u affordabbli għal trattamenti ġodda; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw użu effettiv tal-Ftehim ta' Akkwist Konġunt (JPA) għall-kontromiżuri mediċi; jitlob li l-kamp ta' applikazzjoni tal-JPA jiġi estiż biex imur lil hinn minn sitwazzjonijiet ta' theddid transkonfinali għas-saħħa u biex jinkludi l-vaċċini u l-mediċini għall-mard rari;
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu mill-għdid l-idea tat-trasparenza ta' pprezzar nett u ta' rimborż ta' trattamenti differenti, biex l-Istati Membri jkollhom kundizzjonijiet ekwi meta jinnegozjaw mal-manifatturi għal trattamenti li ma jiġux akkwistati b'mod konġunt;
14. Jappella għall-implimentazzjoni rapida tar-Regolament dwar il-Provi Kliniċi⁵ li safa vittma ta' dewmien kbir, biex tiġi żgurata t-trasparenza tar-riżultati tal-provi kliniċi u biex jiġu ffaċilitati aktar provi kliniċi transkonfinali;
15. Jitlob li jkun hemm Strateġija Farmaċewtika tal-UE b'saħħitha biex jiġu indirizzati l-problemi fil-ktajjen ta' provvista farmaċewtiċi tal-UE u dawk globali, li għandha tinkludi miżuri leġiżlattivi, politiki u inċentivi li jħeġġu l-produzzjoni ta' ingredjenti farmaċewtiċi attivi (APIs) u mediċini essenzjali fl-Ewropa biex jiġu ggarantiti l-forniment u l-aċċess affordabbli f'kull mument; jitlob li jiġu stabbiliti inventarji nazzjonali obbligatorji tal-mediċini u l-apparati mediċi li għandhom jiġu stabbiliti f'kull Stat Membru u li l-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini (EMA) jingħataw informazzjoni biex jiġi żgurat li kwalunkwe nuqqas ikun jista' jiġi antiċipat u indirizzat;
16. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi mandat rivedut għall-ECDC li jżid b'mod sinifkanti l-baġit, il-persunal u l-kompetenzi taċ-Ċentru biex ikun jista' jipprovdi saħħa pubblika ta' klassi dinjija f'kull ħin, inkluż matul l-epidemiji;
17. Jitlob li l-EMA jkollha rwol aktar b'saħħtu fil-monitoraġġ u l-evitar ta' skarsezzi ta' mediċini u fil-koordinazzjoni tad-disinn u l-approvazzjoni tal-provi kliniċi tal-UE fi żminijiet ta' kriżi; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li, meta l-flus pubbliċi tal-UE jintefqu fuq ir-riċerka, ir-riżultati ta' dik ir-riċerka ma jkunux protetti mid-drittijiet tal-

⁴ ĠU L 293 5.11.2013, p. 1.

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 536/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, ĠU L 158, 27.5.2014, p. 1.

proprietà intellettuale u li jkun hemm garanzija li l-prodotti żviluppatti jkollhom prezz li jintlaħaq mill-pazjenti; jisħaq fuq l-importanza tal-attivitajiet, l-istituzzjonijiet u l-kooperazzjoni globali fil-qasam tar-riċerka pubblika u l-iżvilupp, filwaqt li jesprimi tħassib għar-rwol dominanti tal-kumpaniji multinazzjonali fis-settur farmaċewtiku; ihegġegħ lill-kumpaniji farmaċewtiċi kollha biex jippuljaw id-data u l-għarfien tagħhom fi sforz kollettiv biex jidentifikaw, jittestjaw, jiżviluppaw u jimmanifatturaw vaċċini u trattamenti biex inaqqsu l-COVID-19;

18. Iqis essenzjali li jissaħħu r-riżorsi umani fis-sistemi nazzjonali tas-saħħa b'rabtiet ta' xogħol effettivi, pagi ġusti, u kundizzjonijiet adegwati ta' xogħol u ta' protezzjoni, bil-għan duwali li dawn jiġu mgħammra bit-taħriġ meħtieġ biex jirrispondu għal ħtiġijiet tas-saħħa immedjati kif ukoll li jissaħħaħ ir-rispons għad-domanda għall-garanzija tal-kura tas-saħħa b'mod ġenerali; jitlob li r-rwol tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol jissaħħaħ biex jiġi żgurat li l-ħaddiema fil-kura tas-saħħa ma jitpoġġewx friskju;
19. Jitlob li l-gwida tal-EU fis-saħħa tissaħħaħ; jitlob b'mod partikolari għall-pubblikazzjoni obbligatorja tal-gwida tal-ECDC rilevanti għall-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19, bħal fir-rigward tal-metodi għar-reġistrazzjoni tal-imwiet u tal-każijiet ta' fejqan;
20. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi, b'konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili, il-ħolqien ta' Spazju Ewropew għad-Data dwar is-Saħħa, li għandu jirrispetta bis-sħiħ il-qafas Ewropew għall-protezzjoni tad-data, sabiex jittejjbu l-istandardizzazzjoni u l-kondiviżjoni tad-data u jippromwovi l-adozzjoni u l-promozzjoni ta' standards internazzjonali tad-data dwar is-saħħa; jitlob lill-Kummissjoni tirrikonoxxi formalment il-Pul ta' Access għat-Teknoloġija kontra l-COVID-19 (C-TAP) tal-WHO u tiżgura, permezz ta' obbligi ġuridiċi, li fih ikun hemm inklużi kull għarfien, proprietà intellettuale u data medika relatata mat-teknoloġiji tas-saħħa li jikkonċernaw il-COVID-19 li tkun ġiet żviluppata b'fondi ta' riċerka pubbliċi; jitlob lill-Kummissjoni tintroduċi rinunzji estensivi dwar id-data u l-esklussività tas-suq fir-regolamenti tal-UE sabiex tiżgura li l-leġiżlazzjoni tal-UE ma tillimitax l-effikaċja immedjata tal-liċenzji obbligatorji maħruġa mill-Istati Membri; jinsisti fuq progress rapidu fil-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa tal-UE sabiex jiġu protetti d-drittijiet tal-pazjenti u jitjieb l-aċċess għall-mediċini, inkluż għat-tagħmir mediku, fl-Istati Membri kollha;
21. Jimpinja ruħu li jkompli jindirizza l-fatturi li jiddeterminaw is-saħħa, bħall-konsum tat-tabakk u tal-alkoħol, in-nutrizzjoni ħażina, it-tniġġis tal-arja, l-esponiment għal sustanzi kimiċi perikolużi u l-inugwaljanzi fis-saħħa, biex jittejjbu l-eżiti tas-saħħa;
22. Jinsab imħasseb dwar l-impatti tat-tifqigħa tal-COVID-19 u l-konsegwenzi fit-tul tagħha fuq il-benessri tan-nies madwar id-dinja, b'mod partikolari fuq il-gruppi l-aktar vulnerabbli u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħall-persuni anzjani u dawk li diġà qed ibatu minn problemi tas-saħħa;
23. Ifakkar fl-impatt partikolarment traġiku tal-COVID-19 fuq faċilitajiet residenzjali fit-tul fl-Ewropa, fejn ġew milquta l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà, fejn f'xi Stati Membri aktar minn 50 % tal-imwiet relatati mal-COVID-19 seħħew fid-djar tal-kura tal-anzjani; jiddispjaċi għall-fatt li l-persuni b'diżabbiltà sikwit tħallew għal rihom u qed iħabbtu wiċċhom ma' tbatija partikolari matul il-kriżi tal-COVID-19;

24. Jenfasizza li, biex jiġi miġġieled it-tifrix ta' dan il-virus, huwa ta' importanza kruċjali li jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-ġhajxien tar-refuġjati, kemm ġewwa kif ukoll barra mill-UE, u jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-impatti tal-COVID-19 fuq il-popolazzjonijiet f'żoni milquta minn kunflitti u f'kuntesti suxxettibbli għal diżastri naturali;
25. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija għal "Ewropa reżiljenti" li għandha tikkonsisti f'mappa ta' valutazzjoni tar-riskju u għażliet li jindirizzaw il-ġestjoni soda u l-investment fis-sistemi tal-kura tas-saħħa u r-rispons għall-pandemiji f'livell Ewropew, inklużi katini ta' provvista reżiljenti fl-UE;
26. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu spinta lill-inizjattivi ta' appoġġ għas-saħħa mentali matul u wara din il-kriżi, minħabba l-istress, l-ansjetà u s-solitudni li kkawżaw il-lockdowns u minħabba t-tħassib ekonomiku u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, filwaqt li jqisu l-impatt differenzjali fuq in-nisa; jenfasizza n-natura essenzjali tas-servizzi ta' appoġġ għall-persuni LGBTQI+, inkluż l-appoġġ għas-saħħa mentali, il-gruppi ta' appoġġ bejn il-pari u s-servizzi ta' appoġġ għall-vjolenza abbażi tal-ġeneru;
27. Ihegġegħ lill-Istati Membri janalizzaw iż-żieda fil-vjolenza domestika matul il-pandemija tal-COVID-19 u jqisuha fil-pjanijiet ta' rispons, kif ukoll għall-emerġenzi futuri; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-ġħoti ta' appoġġ mediku u psikoloġiku effettiv, affordabbli u ta' kwalità lill-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru; ifakkar li n-nisa u t-tfal li jesperjenzaw vjolenza jeħtieġu faċilitajiet ta' rifuġju dedikati li joffru servizzi ta' kura tas-saħħa, assistenza legali u konsulenza u terapija psikoloġiċi; ifakkar li r-rifuġji għan-nisa u l-moviment ta' rifuġju għan-nisa għandhom jingħataw finanzjament adegwat mill-Istati Membri;
28. Jiddeplora l-fatt li ċerti Stati Membri naqsu milli jiggerantixxu b'mod effikaċi l-aċċess sikur u f'waqtu għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati matul il-pandemija tal-COVID-19; jafferma mill-ġdid li ċ-ċaħda tas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u tad-drittijiet relatati, inkluż l-abort sikur u legali, hija forma ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet; itenni li d-drittijiet tal-persuni LGBTI huma parti integrali tal-ħidma favur ir-rispett sħiħ għas-saħħa sesswali u riproduttiva u għad-drittijiet relatati; ihegġegħ lill-Istati Membri kollha janalizzaw kif operaw is-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u għad-drittijiet relatati tagħhom waqt il-pandemija u jikkooperaw biex isibu l-aħjar Prattiki għall-futur, fid-dawl tal-eżempju stabbilit minn diversi pajjiżi ta' modi tajbin u innovattivi ta' kif jiġu pprovduti s-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u għad-drittijiet relatati, inklużi t-telemediċina, il-konsultazzjonijiet online u l-abort bikri permezz tal-mediċini mid-dar; jistieden lill-Istati Membri kollha jiggerantixxu edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, aċċess faċli għan-nisa għall-ippjanar tal-familja, u l-firxa sħiħa tas-servizzi tas-saħħa riproduttiva u sesswali, inklużi metodi moderni ta' kontraċezzjoni u abort sikur u legali, ukoll fi żminijiet ta' kriżi;
29. Jitlob li jkun hemm approċċ koordinat, kollaborattiv u miftuħ fil-qasam tar-riċerka, bi rwol aktar b'saħħtu għall-Kummissjoni fil-koordinazzjoni tar-riċerka dwar is-saħħa sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni u biex ir-riċerka tiġi xprunata lejn riżultati li jagħtu l-mediċini, il-vaċċini, l-apparati mediċi u t-tagħmir mediku meħtieġa; jistieden lill-Kummissjoni tiegħu l-inizjattivi kollha rilevanti biex tiggerantixxi u ttejjeb kemm l-aċċessibbiltà kif ukoll id-disponibbiltà tat-tilqim kollu sikur u bla ħlas kontra l-coronavirus, kif ukoll tat-trattamenti għall-COVID-19, bl-użu tal-ġħodod kollha

meħtieġa, bħal-liċenzjar obbligatorju, l-ippuljar tal-privattivi u r-reġimi obbligatorji ta' riċerka b'aċċess miftuħ;

30. Jilqa' b'sodisfazzjon kbir iż-żieda esponenzjali fil-baġit propost għall-programm il-ġdid EU4Health; jenfasizza, madankollu, li ż-żidiet fil-baġit tas-saħħa tal-UE m'għandhomx ikunu limitati għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss, u li l-investimenti u l-impenji fit-tul huma meħtieġa biex jiżguraw kura tas-saħħa pubblika reżiljenti għal kulħadd; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw riżorsi suffiċjenti għall-ECDC, għall-EMA u għall-Aġenzija Ewropea dwar is-Sikurezza fl-Ikel, issa u fil-baġit fit-tul futur;
31. Iqis li l-kumplimentarjetà bejn il-politiki tas-saħħa u dawk soċjali trid tkun iggarantita fil-leġiżlazzjoni kollha; iqis dan meħtieġ biex jiġi żgurat li l-fatturi determinanti soċjali jipprevalu fl-istrateġija għas-saħħa pubblika wara l-COVID-19, fil-ġlieda kontra l-inugwaljanzi soċjali u l-faqar, u biex jiġi żgurat li ħadd ma jkun eskluż mill-appoġġ mediku, kemm fil-kuntest tal-pandemija attwali jew f'termini tad-dritt għat-trattament tas-saħħa u s-saħħa b'mod ġenerali; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi Qafas Strateġiku għas-Saħħa u s-Sikurezza ġdid, inkluża leġiżlazzjoni dwar id-dritt ta' skonnessjoni, direttiva ġdida dwar disturbi muskuloskeletalati relatati max-xogħol u direttiva ġdida dwar il-benessri mentali fuq il-post tax-xogħol, bil-għan li l-ansjetà, id-dipressjoni u l-burn-out jiġu rikonossuti bħala mard okkupazzjonali;

Kontra l-awsterità biex tiġi ggarantita s-saħħa għal kulħadd

32. Jappella għat-tħassir tas-Semestru Ewropew u l-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku sabiex l-Istati Membri jingħataw il-kapaċitajiet finanzjarji biex jiffinanzjaw is-servizzi pubbliċi u l-programmi ta' rkupru; jinsisti li l-Kummissjoni ma għandha l-ebda kompetenza biex tgħid lill-Istati Membri biex jagħmlu tnaqqis baġitarju jew jilliberalizzaw is-servizzi tas-saħħa tagħhom; jenfasizza li s-severità tal-kriżi tal-COVID-19 fl-UE hija parzjalment dovuta għall-prekundizzjonijiet sottostanti imposti mill-proċedura tas-Semestru Ewropew, li dgħajfu s-sistemi tal-kura tas-saħħa u wasslu għal sistemi tal-kura tas-saħħa aktar privatizzati u esklużjonarji;
33. Jiddeplora l-fatt li mill-2011 sal-2018, permezz tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet 63 talba lil Stati Membri individwali biex il-gvernijiet tagħhom inaqqsu l-infiq fuq il-kura tas-saħħa u/jew jesternalizzaw jew jipprivatizzaw is-servizzi tas-saħħa; jappella għal inversjoni tal-politiki neoliberali u tal-awsterità, kif ukoll għal investiment sostanzjali u tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa pubblika u tas-sigurtà soċjali;
34. Iqis li huwa essenzjali li jiġi abbandunat il-mudell ta' sħubija pubblika-privata għall-iżvilupp ta' mediċini u li tiġi ffinanzjata biżżejjed ir-riċerka pubblika fil-mediċini għall-ġid tal-pubbliku;
35. Jitlob li jiġi abbandunat il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li ma ħalliex lill-Istati Membri jiffinanzjaw kif xieraq is-servizzi tas-saħħa tagħhom, mexxa l-aġenda ta' privatizzazzjoni u kkontribwixxa għal rispons diżastruż tal-UE fil-konfront tal-pandemija tal-COVID-19; jitlob li nitbiegħdu mill-politiki bbażati fuq l-awsterità, il-privatizzazzjoni u d-deregolazzjoni, li kienu devastanti għas-sistema tas-saħħa u li għamlu ħsara lin-nies li jaħdmu;

Id-dimensjoni esterna

36. Jappella biex eċċezzjoni sanitarja Ewropea, li ġiet innotifikata lid-WTO, tiġi inkluża fil-ftehimiet kummerċjali kollha li jikkonċernaw l-aċċess għall-privattivi għall-makkinarju mediku u għall-mediċini, sabiex jiġi żgurat li s-saħħa tiġi ttrattata b'mod differenti minn prodotti kummerċjali oħra; jenfasizza li m'għandhom jiġu imposti l-ebda restrizzjonijiet fuq il-possibilità li l-istati jintervjenu fis-settur tas-saħħa pubblika;
37. Jenfasizza li l-kriżi tal-COVID-19 kixfet aktar il-politiki neoliberali tal-UE u n-nuqqas ta' koordinazzjoni u solidarjetà bejn l-Istati Membri, billi l-miżuri meħtieġa biex jappoġġjaw lill-Istati Membri f'diffikultajiet severi, u biex tingħata spinta lill-irkupru ekonomiku u soċjali, ma ttiġdux fil-ħin opportuni u ma kinux ta' skala suffiċjenti;
38. Jappella għar-riforma tal-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (TRIPS) sabiex il-pajjiżi tan-Nofsinarhar fid-dinja jkunu jistgħu jiksibu aċċess ekwu u affordabbli għat-teknoloġiji u l-mediċini meħtieġa min-nies ta' għajnejhom; jitlob li l-mediċini tas-saħħa pubblika jkunu eżenti mis-sistema tal-privattivi sabiex jiġi żgurat li l-pajjiżi fqar ikollhom id-dritt ġuridiku li jipproduċu u jimportaw verżjonijiet ġeneriċi ta' mediċini li jsalvaw il-ħajjiet;
 - o
 - o o
39. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.